MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 549/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**-vs -**

**PAWLA ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAWLA ATTARD** bint Anthony u Dolores nee Xuereb imwielda nhar t-tlieta ta' Gunju 1960 u residenti 136, Dar t-Torri, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 49950G giet mressqa quddiemha akkuzata talli fil-wiehed w ghoxrin ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija fix-Xewkija, Ghawdex,

1. sabiex tezercita dritt li tippretendi li ghandha, abuzivament dahlet f'ghalqa fl-inhawi maghrufa

Ta' Lambert fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex u ghamlet diversi ostakoli u dannu iehor fl-imsemmija art ghad-dannu ta' Maria Vella;
2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkommettiet vjolazzjoni tal-proprjeta ghad-dannu ta' Maria Vella;
3. talli stiednet lil Paul Mizzi ghal glied;
4. talli fl-istess data, lok u hin kisret il-bon ordni b'ghajjat u glied u storbju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod partikolari r-ricevuti esebiti u l-okkorrenza mehuda minn PS 1424 Mario Xiberras.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lill-imputata tixhed minn jhedda b'mod volontarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ewwel ta' April 2004.

Ikkunsidrat:

Illi **Paul Mizzi xehed** nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2004 fejn qal li nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija huwa mar fir-raba mertu tal-kawza u sab lil Pawla Attard taghmel xi plieri tal-gebel. Ix-xhud qal li sab diversi oggetti mizrughin u meta kien hiereg, Pawla Attard bdiet tghidlu kliem fis-sens "Ejja tini xeba'". Mistoqsi kemm kien ilu ma jmur fir-raba in kwistjoni, ix-xhud wiegeb li xi hmistax il-jum. Wara xi hin mar guvni bl-isem ta' Tony u beda jistiednu ghal glied, tefghalu xi gebel u qallu "Ejja ha nidfnek hawnhekk" waqt li ghajjru "halliel". Dan beda jidghi u jghidlu li l-art hija ta' ohtu. L-art kienet imqabbla lil martu Maria Assunta Mizzi. Spjiega li anke s-sigar li kien hemm gew maqlugha. Huwa esibixxa zewg ittri datati ghaxra ta' Marzu 2003 u tnax ta' Marzu 2003 li kien baghat lil Pulizija sabiex jigu nizjati dawn l-istess proceduri.

Illi fl-istess seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehdet** oht Paul Mizzi, **Maria Assunta Vella** fejn spjiegat li l-art mertu tal-kawza maghrufa bhala ta' Lambert kienet imqabbla lil ommha u kienet hi li tiehu hsiebha. Kienet tircievi l-qbiela minghand sebgha jew tmin bdiewa ohra u sussegwentement tghaddiha lis-sid proprju. Mistoqsija jekk il-familja Attard qattx hallsu xi qbiela ghandha, ix-xhud qalet li qatt ma rat lil imputata tahdem xi raba fl-akwati pero hemm ma tmurx ghaliex imur huha.

Illi **PS 1424 xehed** nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2004 fejn qal li Paul Mizzi qatt ma kien qallu kliem li kien hemm persuna li ser toqtlu jew tordmu u kieku kien hekk, kien inizzel dan il-kliem fir-rapport tieghu esibit f'dawn il-proceduri.

Illi **Carmela Mizzi xehdet** nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2004 fejn esibit zewg ricevuti ta' ricevuti li kienu johorgu f'isem ommha il-kwerelanti Sunta Mizzi dwar r-raba ta' Lambert marhuga mill-Lands Departiment nhar l-ghaxra ta' Settembru 2002 u l-ewwel ta' Settembru 2003.

**L-imputata Pawla Attard xehdet** nhar l-ewwel ta' April 2004 fejn stqarret li fil-wiehed u ghoxrin ta' Settembru 2003, hija marret tara s-silla li kienet zerghet fl-ghalqa ta' Lambert. Qalet li l-art kienet ilha ghandha aktar minn ghoxrin sena u li kienet thallas lil Carmelo Mizzi il-qbiela. Spjiegat kif fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2003, Pal Mizzi qatghala s-sigar u fil-wiehed u ghoxrin ta' Settembru 2003 rat lil Paul Mizzi u lil Maria Assunta Vella fir-raba b'kelb kbir u staqsewha x'kienet qed taghmel hemm. Hija bezghet u harget tghajjat lil Pulizija li waqqfu lil Paul Mizzi. Mistoqsija kelliex ricevuti ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Ghalhekk ikkonfermat li dejjem tat flus lil Maria Assunta Vella u fl-ahhar sentejn hallset lil certu Maria Gwann u Joseph li huma hut Maria Assunta Vella. Qalet li kien Paul Mizzi li taha il-permess tahdem r-raba in kwistjoni.

Illi nhar l-ewwel ta' April 2004 **xehed** bin l-imputata u cioe **Tony Attard** li qal li huwa kien id-dar u f'xi hin mar il-kugin u qalu sabiex imur hdejn ommu fl-ghalqa pereess li xi

hadd kien ghamel ghaliha.  Huwa mar hemmhekk u sab lil Pawlu u lil ohtu b'kelb.  Il-kelb mar ghalih u hu tefghalu gebla.  Cahad li ghajjar lil Paul Mizzi pero kkonferma li qallu li jekk il-kelb jigdmu, kien lest li joqtlu.  Ix-xhud ammetta li tkellem hazin, pero mhux li dagha.  Qal li lil Maria Assunta Vella ma kellimiex, pero waqt ix-xhieda tieghu qal "kieku messew lil ommi…"  Mistoqsi jirrepeti l-kliem ix-xhud wiegeb li kien nesa l-kliem li kien qal.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` Artikoli 85, 340(d), 339(d)(e), 338(dd) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta sahansitra anke mir-rapport tal-Pulizija ta' PS 1424 Xiberras illi l-imputata kellha l-pusses tal-ghalqa fl-inhawi tal-Lambert tax-Xewkija tant li fil-fatt kellha is-silla mizrugha u dakinhar tal-incident hija kienet fl-ghalqa tnehhi l-haxix hazin.  Illi dan il-fatt li fl-ghalqa in dezamina kien hemm is-silla mizruh minnha mhux kontestat mill-Prosekuzzjoni.  Illi f'azzjoni ta' ragion fattasi kull ma jrid jigi ippruvat huwa l-pussess semplici, haga li fil-fehema tal-Qorti, tirrizulta li kienet f'idejn l-imputata.  Illi ghalhekk l-ewwel akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Dwar it-tieni akkuza u cioe` dik ta' vjolazzjoni fil-proprjeta` ta' terzi bi hsara ghall-istess terzi, ma jirrizultax li effettivament saret hsara f'din l-ghalqa u ghalhekk tali tieni akkuza ukoll ma tirrizultax.

Dwar it-tielet u r-raba akkuza l-Qorti fliet l-atteggjament muri mill-imputata waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda fid-dawl ta' dak li gie irrapportat lilha bix-xhieda ta' Paul Mizzi u Maria Assunta Vella u anke fil-konfront ta' dak li intqal minn binha stess u dawn iz-zewg akkuzi jirrizultaw ippruvati b'mod soddisfacenti, l-Qorti ssibha hatja taghhom u tikkundannha hmistax il-lira Amenda (LM 15) ghall-kull akkuza.  Oltre dan ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tobbliga lill-imputata ma tkellimx u ma timmolestax lil Paul Mizzi ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-llum taht penali ta' hamsin lira Maltin (LM 50) fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------